**23 ta' Marzu, 1992**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Godwin Muscat Azzopardi LL.D.**

Gaetano Abdilla *noe*

*versus*

Dottor Riccardo Farrugia *noe*

***Bearer Account* – Depożiti Innominati – Titolu għall-Portatur**

*Lill-attur insteraq librett ta' Bearer Account u talab lill-Qorti dikjarazzjoni tal-proprjetà tal-flus depożitati fl-akkont bearer, li l-Bank konvenut jiġi in perpetwità inibit milli jirrilaxxja l-flus depożitati fl-akkont Bearer "de quo" u li l-Bank konvenut jirrilaxxja l-flus depożitati fl-akkont lill-attur.*

*Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ laqgħet l-ewwel żewġ talbiet b'dan li l-attur kellu jagħti garanzija adegwata biex il-Bank jiġi indenizzat kontra kull danni li jista' jsofri. It-tielet talba ġiet miċħuda.*

Il-Qorti: – Rat is-sentenza appellata ta' l-4 ta' Ottubru, 1990, tal-Qorti tal-Kummerċ li taqra hekk:

"L-att taċ-ċitazzjoni jaqra hekk:

Peress illi fit-8 ta' Mejju, 1989, l-attur fetaħ "*Bearer Account*" mal-Mid-Med Bank fil-*branch* tar-Rabat billi ddepożita s-somma ta' elfejn lira Maltija (Lm2,000) u ġie mogħti librett li jġib in-numru 001308;

Peress illi llum il-ġurnata l-attur m'għandux fil-pussess tiegħu l-librett tal-fuq imsemmi *bearer account* u dan għaliex ġie misruq mill-Mercedes tiegħu waqt li kienet ipparkjata ġewwa l-barriera Ta' Żuta nhar it-Tlieta, 30 ta' Jannar, 1990, u dwar dan l-attur għamel rapport fl-Għassa tal-Pulizija Ħal-Qormi;

Peress illi l-bank konvenut qed jirrifjuta li jrodd lura l-flus fuq imsemmija lill-attur *nomine*, liema flus għadhom fil-pussess tal-bank konvenut;

Jgħid il-konvenut għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi l-attur *nomine* huwa l-proprjetarju tal-flus depożitati fl-akkont *bearer* numru 001308;

2. Tinibixxi in perpetwità l-konvenut *nomine* l-Bank Mid-Med milli jirrilaxxja l-flejjes depożitati fl-akkont *Bearer* numru 001308 f'idejn terzi salv l-attur, u l-konvenut. *(sic);*

3. Tordna l-konvenut jirrlaxxja l-flus depożitati fil-*Bearer Account* Numru 001308 f'idejn l-attur;

Bl-ispejjeż u l-konvenut inġunt in subizzjoni;

Il-Banka konvenuta eċċepiet:

1. illi l-ewwel talba attriċi hija nfondata għaliex l-artikolu 558(1) tal-Kap. 16 jiddisponi li fil-każ ta' titoli għall-purtatur, bħal ma huwa *"bearer negotiable Certificate of deposit"*, il-pussess ta' tali titoli f'idejn terzi ta' bona fidi jekwivali għal titolu. Il-liġi tiddisponi wkoll fl-artikolu 532 li wieħed huwa dejjem preżunt in bona fidi, u li min jeċċepixxi l-mala fidi għandu jippruvaha;

2. Illi fil-każ prospettat mill-attur, il-Liġi fl-artikolu 559 tipprovdi r-rimedju, ċjoè li d-derubat jista' jitlob il-ħaġa lura mingħand il-pussessur, billi jew jindennizzah, jew fil-każ li d-derubat jipprova l-mala fidi – jitlob il-ħaġa lura mingħajr indennizz. Il-liġi għalhekk ma tikkontemplax ir-rimedju mitlub mill-attur;

3. Illi l-effett ta' dawn id-disposizzjonijiet josta għall-ewwel talba attriċi, għaliex l-attur, li m'għandux il-pussess tal-*passbook*

ma jista' fl-ebda ċirkostanza jiġi ddikjarat proprjetarju tal-flus depożitati fil-kont in kwistjoni, u l-uniku rimedju tiegħu huwa li jirkupra l-pussess b'azzjoni diretta kontra d-detentur preżenti, jekk jidentifikah;

4. Illi in kwantu t-tieni talba attriċi – li kif inhi formolata donnha għandha xi kliem neqsin – isegwi li mhux talli m'hemm ebda bażi għal tali inibizzjoni, iżda din iġġib lill-konvenut f'posizzjoni fejn huwa jikser il-liġi di fronte għal kwalsiasi persuna li tippreżenta ruħha bil-*passbook* biex tiġbed il-flus;

5. Illi in kwantu t-tielet talba, japplikaw mhux biss l-eċċezzjonijiet li ngħataw kontra l-ewwel talba, (għaliex mhux legalment possibbli li l-kont jiġi żbankat minn xi persuna li ma tipproduċix iċ-ċertifikat relattiv, għax b'hekk l-iżbank ikun qed isir minn persuna mingħajr titolu), imma anke għaliex ma huwiex possibbli l-iżbank qabel iż-żmien miftiehem meta sar id-depożitu;

6. Illi fi kwalunkwe każ il-konvenut ma għandux ibati spejjeż;

Il-kuraturi deputati eċċepew li m'humiex edotti mill-fatti;

Il-fatti li taw lok għal din iċ-ċitazzjoni, kienu hekk:

Fit-8 ta' Mejju, 1989, Gaetano Abdilla, fl-interess tas-soċjetà Carmelo Abdilla & Sons Limited – li l-azzjonisti tagħha huma l-missier Carmelo Abdilla u t-tlett itfal tiegħu, l-aħwa Abdilla, inkluż Gaetano mar il-Mid-Med Bank tar-Rabat u hemmhekk iddepożita elfejn lira (lm2,000). Id-depożitu sar f'forma ta'

"*negotiable certificate*" fiss għal tliet snin, kontra imgħax ta' ħamsa u nofs fil-mija (5½ %). Meta għamel id-depożitu Gaetano Abdilla ffirma "Mary Cassar" – dokument AB1. *Billi* ċ-ċertifikat huwa titolu ta' kreditu innominat u jista' jiġi trasferit b'sempliċi konsenja li tikkonferixxi lid-detentur id-dritt, li jirtira d-depożitu, meta l-istess ċertifikat insteraq fit-30 ta' Jannar, 1990, l-attur kellu jagħmel din il-kawża biex jipproteġi s-soċjetà, li fiha huwa soċju;

Fuq dawn il-*fatti*, l-oġġezzjonijiet tal-banka konvenuta huma ta' natura ġuridika;

M'hemmx dubju li ċertifikati ta' depożiti innominati – huma titoli għall-portatur. Dawn in kawża, *għandhom* il-kwalifika li huma fissi, jiġifieri, id-detentur huwa marbut li jirrispetta t-terminu li jkun ġie miftiehem bejn id-depożitant u l-bank, qabel ma jkun jista' jippreżenta ċ-ċertifikat biex jiġi *onorat mill-bank*. Huwa *minnu li dan iċ-ċertifikat huwa titolu* għall-portatur, u għalhekk, il-pussess ta' l-istess ċertifikat huwa titolu biżżejjed għall-persuna li jkollha f'idejha l-istess ċertifikat – kif jgħid l-artikolu 558 Kap. 16 – imsemmi fl-ewwel eċċezzjoni tal-banka konvenuta. Dan il-pussess però, għandu dan l-effett *ta'* leġittimità, **fil-konfront ta' terzi persuni li jkunu in *buona fede*** kif jipprovdi testwalment l-istess artikolu u għalhekk – wara l-proċeduri preżenti inizjati mis-soċjetà, il-banka konvenuta, avvżata ġudizzjarjament b'dak li ssuċċeda, u wara din is-sentenza, li għal dan l-aspett, hija favorevoli għall-istess soċjetà attriċi, l-istess banka konvenuta ma tistax tikkonsidra ruħha aktar bħala "terz in *buona fede*", u għalhekk l-ewwel oġġezzjoni tal-banka konvenuta ma tistax tiġi milqugħa;

Naturalment, il-bank konvenut kien korrett li jirrifjuta li – kif tgħid iċ-ċitazzjoni – "jrodd lura l-flus.....lill-attur *nomine*", kemm għaliex dak id-depożitu għandu terminu li jrid jiġi rispettat u kemm għaliex, mingħajr ordni ta' din il-Qorti, l-istess bank m'huwiex obbligat li jirritorna depożitu bħal dan, mingħajr ma jirċievi ċ-ċertifikat li jkopri dak id-depożitu;

Eżaminata n-nota ta' osservazzjonijiet tal-banka konvenuta – li l-Qorti apprezzat ħafna – il-Qorti tikkonsidra illi:

(a) l-oġġezzjoni kontra n-nomina ta' kuraturi deputati biex jirrappreżentaw id-detenturi, mhux magħrufa, taċ-ċertifikat ta' depożitu, hija effettivament irritwali nkwantu mhux konsentita la mill-artikolu 929 Kap. 12 u lanqas minn xi provvediment ieħor espress f'xi liġi oħra;

(b) għalkemm fl-ordinament ġuridiku tagħna ma teżisti ebda norma li espressament tipprovdi għal każijiet ta' telf jew serq ta' "*titoli al portatore*" dan ma jfissirx illi l-istess ordinament, bl-applikazzjoni tal-prinċipji ġenerali tad-dritt li jesprimi l-istess dokument, m'hemmx rimedju ġudizzjarju għad-drittijiet tal-possessur leġittimu ta' "*titoli al portatore*" li jintilfu jew jinsterqu. U dan huma dak li difatti għamlu s-sentenzi kkwotati fin-nota tal-banka konvenuta;

Din il-Qorti ma tara ebda raġuni valida għaliex m'għandhiex tgħaddi mill-istess triq. L-enfasi li hemm fin-nota rigward il-*buona fede* ta' l-eventwali detentur taċ-ċertifikat misruq, meta jippreżentah biex jinkassa l-kapital u l-imgħaxijiet – hija prematura. Dak huwa eżami li jrid isir meta jirrikorri fil-futur, dak l-avveniment. L-importanti huwa – illi l-banka

konvenuta, b'din is-sentenza, ma tistax tħallas in *buona fede*, kif diġa ntqal, u kif jipprovdi l-artikolu 556 Kap. 16 – li għalkemm ġie kkwotat mill-banka konvenuta, din naqset li tapprezza sewwa l-portata tal-frażi – "il-pussess għandu, favur it-terzi ta' *buona fede*, l-effett stess tat-titolu";

(ċ) fis-soluzzjoni li qed taddotta l-Qorti, ibbażata prinċipalment fuq il-garanzija favur il-banka konvenuta kif ipprovvdut aktar 'il isfel, u li konsegwentement għandha timminimizza jekk mhux tannulla kull opposizzjoni tagħha, mhix qed tiġi marbuta ma' termini limitattivi ta' ħames snin jew tletin sena. Dawn għandhom jiġu rregolati skond dak li attwalment jissuċċiedi bejn it-8 ta' Mejju, 1992 u l-istess ġurnata ta' sena wara;

Mir-riżultanti fil-kawża, il-Qorti tħoss li hija sodisfatta li tista' takkolji l-ewwel talba attriċi, parti mit-tieni talba, u li tirriġetta t-tielet talba;

Għalhekk, il-Qorti prevja r-revoka tad-digriet ta' nomina tal-kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-potenzjali detenturi taċ-ċertifikat ta' depożitu msemmi:

1. tiddikjara illi s-soċjetà Carmelo Abdilla & Sons Limited hija l-leġittima possessura tan-*Negotioable Certificate of Deposit* numru zero zero wieħed tlieta zero tmienja (001308) maħruġ mill-fergħa tar-Rabat, tal-Mid-Med Bank Limited, magħmul fit-8 ta' Mejju, 1989, bl-imgħax tal-ħamsa u nofs fil-mija (5½ %) li jimmatura fit-8 ta' Mejju, 1992;

2. Tinibixxi lill-Mid-Med Bank Limited milli tirrifondi

l-kapital u l-imgħax ċertifikat mill-imsemmi titolu nnominat – *Negotiable Certificate of Deposit* numru 001308 – mil-lum sat-8 ta' Mejju, 1993 – basta s-soċjetà attriċi qabel is-7 ta' Mejju, 1992 tkun ikkostitwiet favur il-Mid-Med Bank Limited, garanzija adegwata biex l-istess bank jiġi indennizzat għal kull dannu li jista' jsofri jekk huwa jiġi mġiegħel b'sentenza ta' dawn il-Qrati, li fil-konfront tad-detentur eventwali taċ-ċertifikat imsemmi jkun obbligat li jirrifondi l-kapital u l-imgħaxijiet. F'dak il-ġudizzju l-Bank ikun obbligat li jsejjaħ fil-kawża lis-soċjetà attriċi u din għandha tkun il-kondizzjoni tal-garanzija li l-istess soċjetà għandha tikkostitwixxi favur il-Mid-Med Bank Limited – kif intqal;

3. It-tielet domanda hija rriġettata, inkwantu kif diġà ntqal, ir-rifużjoni ma tistax issir qabel it-8 ta' Mejju, 1992 u prevja l-kostituzzjoni tal-garanzija biex il-banka konvenuta tiġi indennizzata għal kull eventwali dannu li tista' tbati;

L-ispejjeż huma a karigu tas-soċjetà attriċi li minħabba l-operat tagħha, il-konvenuti kellhom jissubixxu dan il-ġudizzju'';

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-Avukat Dottor Henry *sive* Eric Mamo li assuma l-atti tal-kawża għan-nom u fl-interess tal-Mid-Med Bank Limited li biha interpona appell mis-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti u l-petizzjoni ta' l-appell tiegħu li biha talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha in kwantu din akkoljiet l-ewwel talba u parti mit-tieni talba u li tiddeċidi minflok li tiċħad iż-żewġ talbiet u tikkonferma in kwantu din irrevokat in nomina ta' kuraturi tad-detentur injot għaliex tali nomina hija rritwali u tikkonfermaha wkoll in kwantu din ċaħdet it-tielet talba attriċi u in kwantu

akkollat l-ispejjeż lill-attur u dana kollu bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat;

Rat ir-risposta ta' l-attur appellat li biha għamel is-sottomissjonijiet tiegħu għala s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma u talab li l-appell tal-konvenut jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-istess appellant;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esibiti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma dawn li ġejjin:

a) Qatt ma jista' jkun li l-appellat jista' jiġi ddikjarat proprjetarju ta' flus depożitati f'*"bearer account"* jekk dan m'għandux il-pussess materjali tal-biljett. Proprjetarju tad-depożitu huwa dak l-injot li għandu f'idejh il-biljett u li huwa preżunt in *bona fide* sakemm ippruvat il-kontra u l-ewwel Onorabbli Qorti ma setgħetx tikkonsidra lill-Bank bħala pussessur għax il-pussess huwa relatat mal-librett tad-depożitu mhux mad-depożitu;

b) L-artikolu 559 tal-Kap. 16 jipprovdi r-rimedju f'dan il-każ meta jiddisponi li d-derubat jista' jitlob il-ħaġa mingħand il-pussessur jew billi jindenizzah jekk huwa in *bona fede*. Għalhekk ir-rimedju mitlub mill-appellat mhux kontemplat mil-liġi; jidher li l-leġislatur ried li f'każ ta' titolu al portatur it-telf ibatih d-derubat li jkollu biss ir-rimedju msemmi;

ċ) Dwar it-tieni talba l-inibizzjoni mitluba ġġib lill-appellant f'posizzjoni fejn huwa jkun qed jikser il-liġi di fronte għal kwalsiasi persuna li tippreżenta ruħha bil-*passbook* u titlob li tiġbed il-flus però aktar minn hekk is-sentenza waqgħet f'kontraddizzjoni billi ordnat il-kostituzzjoni ta' indenniż dapparti ta' l-appellat a favur l-appellant fil-każ li l-appellant wara li jobdi s-sentenza jiġi tenut responsabbli għad-danni fil-konfront tad-detentur eventwali. B'hekk hemm ammissjoni *expressis verbis* mill-ewwel Onorabbli Qorti li s-sentenza minnha emessa tista' ġġib lis-suġġett tagħha, l-appellant, f'posizzjoni fejn dan ikun kiser il-liġi di fronte ta' ħaddieħor – is-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti ma tkunx ħolqot stat ta' dritt kif suppost li tagħmel iżda stat prekarju għal min jobdiha;

IIkunsidrat:

Illi kwantu jirrigwarda l-ewwel talba ta' l-attur din il-Qorti ma ssibx diffikultajiet biex tikkonferma s-sentenza appellata kemm għax m'hemmx xejn ta' valur legali li jista' jkun ta' ostakolu kif ukoll fuq l-iskorta ta' diversi preċedenti f'dik li hi ġurisprudenza lokali in materja, partikolarment l-istess sentenzi ċċitati mill-istess appellant fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu a fol. 23 tal-proċess. Fil-fatt din il-Qorti ma tħossx li għandha għalfejn iżżid iżjed u għalhekk sejra tikkonferma s-sentenza appellata kwantu jirrigwarda l-ewwel talba;

Il-problema ta' dan l-appell hija ħafna akbar fir-rigward tat-tieni talba ta' l-attur;

Bit-tieni talba tiegħu l-attur appellat kien talab lill-ewwel Onorabbli Qorti biex tinibixxi lill-konvenut *nomine* in perpetwità

milli jirrilaxxja l-flejjes depożitati fl-akkont *bearer* insemmi f'idejn terzi salv l-attur;

L-ewwel Onorabbli Qorti fuq il-premessa li llum il-Bank konvenut ma jistax iħallas in *buona fede stante* dak li ġie nformat bih iddeċidiet fuq din it-tieni talba billi inibiet lill-Bank milli jirrifondi l-kapital u l-imgħax mid-data tas-sentenza sat-8 ta' Mejju, 1993 (ċjoè sa sena wara t-tliet snin li matulhom kien marbut id-depożitu) salva l-garanzija indikata lill-attur fl-istess parti dispositiva tas-sentenza appellata li m'hemmx bżonn tiġi ripetuta;

Din il-Qorti tara li bid-deċiżjoni tagħha l-ewwel Onorabbli Qorti ottjeniet dak il-bilanċ desiderabbli f'ċirkostanzi bħal dawk ta' dan il-każ u bħala tali l-provvedimenti tagħha huwa miljorament fuq dak li kien jiġi deċiż qabel. Effettivament jekk wieħed iħares lejn dak il-provvediment, stabbilit li dik il-Qorti kienet diġà ddeċidiet li s-soċjetà attriċi hija l-leġittima pussessura tan-*negotiable certificate* imsemmi, liema ċertifikat ma setax jintuża anqas minnha kieku kien għadu għandha qabel it-8 ta' Mejju, 1992 biex tintalab ir-rifużjoni tad-depożitu, is-soluzzjoni minnha misjuba hija waħda ta' ċerta prattiċità li biha minn banda l-waħda l-Bank huwa salvagwardat bil-garanzija msemmija u mill-banda l-oħra l-appellat ma jiġix ippreġudikat salv li jagħti l-garanzija fiż-żmien stabbilit. Din il-Qorti mhux biss m'għandhiex dubju li tali soluzzjoni hi ħafna aktar ġusta minn dak li jippretendi l-appellant iżda anki ma twassalx għad-diffikultajiet li semma l-appellant fl-appell tiegħu jekk il-provvediment jiftiehem sewwa. Infatti ma jistax jiġi sekluż illi jista' jitfaċċa terz pussessur in *bona fede* li jippretendi l-ħlas u l-garanzija hija proprja konċepita għal dan l-iskop. Il-possibbli

kuntrast bejn żewġ sentenzi tal-Qorti li qed jipprospetta l-appellant fil-fatt mhuwa kuntrast xejn iżda realtà billi jista' jagħti każ li l-Bank isib ruħu jrid iħallas darbtejn liema fatt juri kemm kienet intravvedenti l-ewwel Onorabbli Qorti;

Għal dawn il-motivi, tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż ta' din l-istanza a kariku ta' l-appellant.